# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 424/22/1 TA**

**Emanuel Sciberras (ID 0179872M)u martu Maria Janice Sciberras (ID0537172M)**

**vs**

**Pauline Grima proprio u għan-nom ta' Emmanuel Grima & Sons Ltd(C-43454), Roderick Gauci proprio għan-nom ta' C.P. Construction Ltd (C15644) u Perit Abel Cassar De Gabriele**

**<u>Il-Qorti</u>**

Rat ir-rikors ta' Emmanuel u Maria Janice konjuġi Sciberras tat-28 ta' Marzu 2022.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta ta' Pauline Grima proprio et nomine tal-1 ta' April 2022.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' April 2022 l-intimati l-oħrajn, Rodrick Gauci u CP Construction Ltd assoċjaw irwieħhom mar-risposta tal-konjuġi Grima.

Rat l-atti kollha tal-proċeduri.

Żammet access fuq il-post fis-27 ta’ April 2022.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li jridu ir-rikorrenti huwa li jżommu lill-intimati milli jinstallaw lift f’sit li qiegħdin jiżviluppaw l-intimati f’sit fejn qabel kien hemm il-fondi 89-91, Triq Nazzarenu kantuniera ma’ Triq Sant’ Ubaldesca Paola, li tmiss mill-ġenb mal-fond tagħhom 97, Triq Nazzarenu, Paola.

Il-Qorti kellha opportunita’ li tmur fuq is-sit. Aċċediet kemm fuq il-post li qed ikun żvilluppat u kif ukoll fil-fond tar-rikorrenti. Il-Qorti osservat, li f’parti angolata li tmiss mal-ħitan tal-fond tar-rikorrenti hemm bokka, diġa’ imħafra, maħsuba li tospita fiha il-lift inkwistjoni. Meta l-Qorti aċċediet fil-fond tar-rikorrent kien evidenti li dik ir-rokna fejn gej il-lift, hija dik ta’ wara l-ħajt diviżorju fejn hemm il-kamra tas-sodda tar-rikorrenti. Eżatt mal-ħajt diviżorju hemm it-tustiera tas-sodda tagħhom.

Il-Qorti ikkonstatat ukoll, li din il-binja ser tkun sitt (6) sulari għolja u b’kollox ser ikun fiha 9 units li qed jingħad li tnejn minnhom mhux ser jintużaw. Il-Qorti qieset ukoll id-dokumenti kollha li ġew esebiti, pero’ trid tagħmilha ċara, li mhux ser tidħol fil-mertu dwar x’jistgħu jimportaw dawn id-dokumenti għalkemm ħadet konjizzjoni tagħhom ai fini ta’ dawn il-proċeduri. Id-determinazzjoni finali tal-pretensjonijiet rispettivi dwar is-sustanza tagħhom hija riservata għal dik il-Qorti, li trid tiġi eventwalment adita, biex tieħu konjizzjoni tagħhom *ad fuditus*. Kull ma trid tiqes din il-Qorti hu biss, jekk ir-rikorrenti għandhomx *prima facie* id-dritt li

jititulaw jedd li jippretendu li għandhom u jekk id-danni li jistgħu isofru humiex irremedjabbli (**Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited**).

Jidher li dak li qed jilmentaw minnhu r-rikorrenti huwa, li ser ikunu qiegħdin isofru minn molestja gravi u dan bi ksur tal-prinċipju tal-bwon viċinat jekk jiġi installat dan il-lift. Il-Qorti f'dan il-kuntest ma setgħetx ma tieħux inkonsiderazzjoni il-prossimita' ta' fejn ser jitqiegħed dan il-lift u l-ambjenti tal-fond tar-rikorrenti, partikolarment tal-fatt, li propju jmiss mal-ħajt diviżorju ir-rikorrenti għandhom karma tas-sodda. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss, li fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti għandhom *prima facie* dritt li jititulaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' dak spjegat.

Pero', hemm element ieħor importanti li jrid ikun sodisfatt, dak tal-irrimedjabbilta' tad-danni li jistgħu jkunu kawżati. Il-Qorti hija tal-fehma, li jekk jilħaq jinbena dan il-lift, mhux ser ikun faċli li jitreġġa' lura il-fatt jekk dan jirriżulta li huwa dannuż għar-rikorrenti. F'dak il-każ, ma jkunx pratikkabbli jerġa' jinħatt kollox. L-anqas ma huwa l-każ, li d-danni jistgħu jkunu sodisfatti bi ħlas ta' somma flus, għaliex dak li qiegħdin ifittxu r-rikorrenti huwa li jgħixu fis-sliem ta' darhom. Ebda somma ma tista' tikkunpenshom għal dan. Jekk jilħaq jitla' dan il-lift u jinstab li r-rikorrenti għandhom raġun fis-sustanza tal-azzjoni, ikun diffiċli ħafna li kollox jitreġġa' lura. **(Ara Digriet tas-16 ta' Novembru, 2009 fl-atti tal-mandat Numru. 1760/2009/1 Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni**

**numru 1760/09 fl-ismijiet: Grace Borg pro et -vs- Ministeru tal-Edukazzjoni u Sport et).**

Finalment din il-Qorti tfakkar, li jkun xi jkun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, dan ma jfissirx li naħa jew oħra, quddiem il-Qorti kompetenti għandhom jew ma għandhomx raġun.

Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tħoss li l-elementi kollha sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni ġew sodisfatti mir-rikorrenti u għalhekk it-talbiet tagħhom ser ikunu qiegħdin jintlaqgħu **(V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J.Zammit McKeon).**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, filwaqt li qed tikkonferma d-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu 2022, qiegħda **tilqa' definittivament** it-talbiet tar-rikorrenti, tordna lill-intimati biex ma jagħmlux il-ħwejjeġ imsemmija fir-rikors u tordna għalhekk, li jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra tagħhom.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri għall-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 2, ta' Mejju, 2022**